**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Jannar, 2016**

Talba Numru: 235/2011JB

Kawza Numru: 43

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif issurrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Claudio Borg (K.I.: 745457M) sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Claudio Borg**

***vs***

**Paul Farrugia (K.I.: 540483M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar is-7 ta' Marzu 2011 li permezz tieghu l-Atturi talbu dan:

> L-atturi jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' tliet elef, mitejn u tmienja u tmenin ewro u tmien ewro centezmi (€3,288.08) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi in segwitu ta' incident illi sehh fis- 16 ta' April, 2009 fi Triq il-Gandoffli, San Pawl il-Bahar, meta gebel u materjal iehor tal-kostruzzjoni waqa' minn bini li kien qieghed f'fazi ta' zvilupp taht it-tregija tal-konvenut Farrugia, waqa' ghal fuq il-vettura bin-numru tarregistrazzjoni HAT191 proprjeta' ta' Claudio Borg u assikurata taht polza *comprehensive* mas-socjeta' attrici; li ghaldaqstant hallset lill-assikurat taghha ghad-danni sofferti fuq il-vettura msemmija; u liema incident sehh unikament tort tal-konvenut u minhabba negligenza, traskuragini, imperizja u nuqqas ta' hila fis-sena u fl-arti da parti tal-istess konvenut;
>
> L-ammont mitlub jinkludi s-somma ta' hamsa u hamsin ewro (€55.00) mhallsa bhala 'excess' mill-assikurat tas-socjeta attrici;
>
> Interpellat sabiex ihallas permezz ta' ittra ufficjali datata 6 ta' Novembru, 2009 il-konvenut baqa' inadempjenti u kwindi kellhom jigu stitwiti l-proceduri odjerni;
>
> Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Novembru, 2009 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz, u bl-imghaxijiet mis-6 ta' Novembru, 2009 kontra l-konvenut li huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-28 ta' Marzu 2011;

Ra li l-Konvenut, ipprezenta risposta fis-27 ta' Lulju 2011 li permezz taghha laqa' ghal din il-kawza billi eccepixxa dan li gej:

1. Illi t-talba tar-rikorrenti hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez, u dana billi l-incident mertu tal-kaz ma sehhx tort tal-intimat, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz;

2. Illi subordinatament u assolutament minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, l-ammont mitlub mir-rikkorrenti hu f'kull kaz eccessiv, u qieghed ghaldaqstant jigi kkontestat;

   Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra l-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ottubru 2013 fejn il-Konvenut issolleva l-eccezzjoni tal-inkompetenza tat-Tribunal *ratione materiæ* stante li din il-kawza tirrigwarda hsara fuq vettura;

Ra s-sentenza tad-29 ta' Jannar 2014 fejn dan it-Tribunal cahad l-eccezzjoni tal-inkompetenza tat-Tribunal u ordna l-prosegwiment tal-kawza;

Ra li l-kawza regghet giet appuntata ghas-seduta tal-5 ta' Gunju 2014, fejn ghad li mhux notifikat bl-avviz, deher l-avukat patrocinanti tal-Konvenut ghas-seduta tal-20 ta' Ottubru 2014;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' l-provi;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi bil-kawza odjerna l-Atturi qieghdin jitolbu r-risarciment ta' danni allegatament sofferti wara li materjal ta' kostruzzjoni waqa' fuq il-vettura tal-Attur, assikurata mas-Socjeta Attrici. Il-Konvenut qieghed jilqa' ghal din l-azzjoni billi jghid li mhuwiex responsabbli fil-waqt li qieghed jikkontesta l-*quantum* tal-allegati danni;

L-Atturi ressqu diversi xhieda in sostenn tal-azzjoni taghhom;

Is-Surgent tal-Pulizija PS70 Omar Caruana xehed (a fol 29) li kien xoghol fil-Qawra nhar is-16 ta' April 2009 meta ircieva rapport li fi Triq il-Gandoffli, San Pawl il-Bahar, waqa' gebel u materjal iehor tal-kostruzzjoni minn bini li kien qieghed jigi zviluppat. Jghid li minn indagni li ghamel irrizulta li l-persuna responsabbli mix-xogholijiet u cjoe l-kuntrattur kien Paul Farrugia li da parti tieghu qallu li kien behsiebu jhallas ghad-danni subiti. Caruana ipprezenta wkoll kopja tal-okkorrenza (a fol 30) minn fejn jirrizultaw id-danni li gew konstatati kif ukoll il-*prime note* li x-xhud ha (a fol 33). Sussegwentement, Caruana rega' xehed in ezami (a fol 54) fejn sostanzjalment qal f'hiex kienu jikkonsistu l-hsarat;

Stephen Zammit xehed (a fol 49) li hu mhuwiex is-sid tal-vettura HAT191 imma li kien qieghed juzaha. Jghid li pparkja l-vettura u meta mar ghaliha sab li din kienet intlaqtet mill-

knaten. Jghid li l-vettura kienet "spiccuta" b'rizultat tad-danni li garrbet. Jghid li t-temp kien tajjeb u ma kienx maltemp;

Joseph Buttigieg xehed (a fol 53) li hu bhala *surveyor* kien spezzjona l-vettura wara l-incident u sab li din kienet "*beyond economical repair*". Hu kkonferma s-*survey report* minnu redatt a fol 2;

Il-Konvenut xehed hu u ressaq ukoll lil Charlot Ciantar;

Il-Konvenut xehed (a fol 107) li fejn kien qed isir ix-xoghol kien hemm hofra u madwarha bena cint u passagg pedonali. Jghid ukoll li wahhal sinjali biex ma jipparkjawx karozzi u anke talab ghal permess tal-kunsill lokali. Jghid li x-xoghol dam madwar sentejn jew tlieta. Jghid li l-hsara sehhet meta t-*tower crane*, li suppost kien *on brake*, iccaqlaq bir-rih u laqat xi cangatura u spiccaw waqghu xi knaten fuq ic-cint li imbaghad spiccaw fuq il-vettura mertu tal-kawza. Jghid li x-xoghol kien qieghed isir ghal certu Ciantar li ghandu kumpannija jisimha MCCF u li kienet responsabbli ghall-permessi mal-kunsill. In kontro-ezami, il-Konvenut qal li kien se jgib kopja tal-permessi minghand is-sid u jipprezentahom. In riezami, Farrugia jghid li ghamel kull ma seta' billi bena c-cint u ghamel is-sinjali;

Charlot Ciantar xehdet (a fol 110) li hija direttrici tal-kumpannija MCCF u li l-Konvenut huwa impjegat mal-kumpannija taghha. Tghid li bhala prekawzjonijiet hija ssegwi l-istruzzjonijiet tal-persunal tas-sahha u s-sigurta. Qalet li l-kumpannija hadet hsieb li taghmel il-passagg pedonali u li wahhlet is-sinjali biex ma jipparkjawx vetturi.

Ikkunsidra;

Illi minn ezami tal-provi jidher li l-Konvenut qieghed jipprova jiskolpa ruhu billi jghid li l-incident gara minhabba rih li caqlaq it-*tower crane* u b'konsegwenza t'hekk waqghu xi knaten fuq il-vettura tal-Attur. Qed jghid ukoll li kien hemm sinjali li juru li mghandhomx jigu pparkeggjati vetturi;

Illi hu ben risaput li biex issehh id-difiza tal-forza magguri, irid jigi ppruvat event imprevidibbli u inevitabbli, li ghalih huwa impossibbli li wiehed jirrezisti.[1] Fil-verita, ma ngiebet ebda prova sodisfacenti dwar it-temp li b'xi mod tista' tavvalla l-pozizzjoni tal-Konvenut u bhala stat ta' fatt irid jinghad li fil-waqt li min-naha tal-Konvenut qieghed jigi allegat li t-temp ma kienx stabbli, l-Attur ipproduca xhud li stqarr li t-temp kien tajjeb u ma kienx maltemp. Certament li kien imiss lill-Konvenut li *se mai* iressaq prova konklussiva dwar il-qawwa tar-rih. Fin-nuqqas ta' tali prova, it-Tribunal ma jistax jaghti widen lil din il-linja difensjonali u kull analizi ulterjuri tkun inutli;

Illi fejn imiss mas-sinjali li qieghed jinghad li kien hemm, wiehed ma jistax ma jinnutax li minkejja l-provi prodotti mill-Konvenut, ma ngiebu ebda provi dwar permessi tal-kunsill lokali. Fi kwalunkwe kaz, il-fatt li jitqieghdu sinjali u tabelli bl-ebda mod ma jnezza' lil min ikun ghaddej bix-xoghol mir-responsabbilita ghad-danni li talvolta jirrizultaw;

Fuq kollox, it-Tribunal ma jistax ma jqisx dak li xehed is-Surgent Caruana – prova mhux kontradetta – li l-Konvenut dlonk accetta li jaghmel tajjeb ghad-danni subiti. Fic-cirkostanzi

[1] Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta' Gunju 1940 fl-ismijiet "Albert Borg Falzon *pro et noe* *vs* Charles Darmanin *pro et noe*" (Koll. XXX.i.869)

t-Tribunal ma jqisx li l-ewwel eccezzjoni timmerita li tigi akkolta u se jghaddi sabiex jichadha;

Ikkunsidra;

Illi sorvolota l-kwistjoni tar-responsabbilita, jifdal il-kontestazzjoni dwar il-*quantum* tad-danni u cjoe t-tieni eccezzjoni tal-Konvenut;

Illi fil-waqt li l-Atturi ressqu lis-*surveyor* sabiex jixhed dwar id-danni, il-Konvenut ma gieb l-ebda prova li b'xi mod iddellel dak li xehed l-istess *surveyor* ghad li sar kontro-ezami tal-istess xhud. Minn ezami tas-*survey report* (a fol 2), it-Tribunal iqis li l-ammont reklamat huwa inferjuri ghall-ammont tad-danni attwali u cjoe tat-tiswija u dan ghaliex, kif xehed is-*surveyor*, il-vettura giet danneggjata "*beyond economical repair.*" Fi kwalunkwe kaz, id-danni likwidati mis-*surveyor* jammontaw ghal €3,495 li minnhom irid jitnaqqas il-*wreck value* tal-vettura li hu ta' €186.40. L-ammont reklamat hu ta' €3,288.08 u kwindi anqas mill-ammont certifikat mis-*surveyor*. Dan l-ammont ma giex kontestat mill-Konvenut u t-Tribunal ma jqisx li hemm il-htiega ta' analizi ulterjuri u se jghaddi sabiex jichad anke t-tieni eccezzjoni;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi, fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-Konvenut, jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lill-Atturi s-somma ta' €3,288.08, bl-imghax mil-lum. Spejjez, tal-odjerna kawza, a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*